



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

2010/2211(INI)

11.2.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat Speċjali dwar l-Isfidi tal-Politika u r-Riżorsi Baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013

dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013  
(2010/2211(INI))

Rapporteur: Giovanni La Via

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat Speċjali dwar l-Isfidi tal-Politika u r-Riżorsi Baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agricoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea;
2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-oġġettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali;
3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu it-tipi varjati ta' agricoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata;
4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas b'rata stabbli u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrapreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssahħha is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun impjiegi, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea;
5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' oġġettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi żgurata valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013;
6. Jikkunsidra li t-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali jrid jintgħażel b'tali mod li jippermetti implimentazzjoni xierqa u effikaċi tal-baġit li tkun kapaċi tikseb il-miri ta' Ewropa b'saħħitha u li hemm bżonn ta' grad għoli ta' flessibilità, minħabba l-isfidi mhux mistennija li l-PAK ċertament se jkollu jiffaċċja fil-ġejjieni;
7. Jemmen li, fid-dawl tal-esperjenza tal-imgħoddi, perjodi ta' programmazzjoni qosra jistgħu jiġġeneraw ineffiċjenzi f'dak li għandu x'jaqsam kemm mal-infiq, kif ukoll mal-kisba tal-għanijiet, u għaldaqstant jipproponi perjodu ta' mill-inqas seba' snin, sabiex il-problemi u l-iżbalji li nqalgħu jew li seħħew dan l-aħħar ma jiġux ripetuti;
8. Jitlob biex jinżammu l-qafas finanzjarju pluriennali u l-istruttura baġitarja attwali sabiex ikun hemm il-garanzija ta' intestatura unika għall-agricoltura u l-iżvilupp rurali.